

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de première instance de Liège (il-Belġju) fil-21 ta' Jannar 2019 – BU vs État Belge**

**(Kawża C-35/19)**

(2019/C 103/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* BU

*Konvenut:* État Belge

**Domanda preliminari**

Is-subparagrafu 4 tal-Artikolu 38(1) tas-C.I.R./92 jikser l-Artikoli 45 *et seq* (prinċipji tal-moviment liberu tal-ħaddiema) u l-Artikoli 56 *et seq* (prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sa fejn dan jeżenta fiskalment l-allowances għall-persuni b'diżabbiltà biss jekk dawn l-allowances jitħallsu mit-Teżor, jiġifieri, mill-Istat Belġjan, skont il-leġiżlazzjoni Belġjana, li b'dan il-mod joħloq diskriminazzjoni bejn il-persuna taxxabbli, residenti Belġjana, li tirċievi allowances għall-persuni b'diżabbiltà mħallsa mill-Istat Belġjan skont il-leġiżlazzjoni tiegħu, li huma eżentati, u l-persuna taxxabbli, residenti Belġjana, li tirċievi allowances intiżi li jikkumpensaw diżabbiltà mħallsa minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, li ma humiex eżentati?

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2019 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla Estiża) fil-15 ta' Novembru 2018 fil-Kawża T-316/14, Kurdistan Workers' Party (PKK) vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-46/19 P)**

(2019/C 103/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen, S. Van Overmeire, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Kurdistan Workers' Party (PKK), il-Kummissjoni Ewropea, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali;
- tiddeċiedi b'mod definittiv dwar il-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' dan l-appell u tiċħad ir-rikors ippreżentat mill-PKK; u
- tikkundanna lill-PKK għall-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill fil-kuntest ta' dan l-appell u tal-Kawża T-316/14.